**6 ta' April, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Saviour Cachia

*versus*

Boris Arcidiacono

**Proċedimenti bil-Proċedura Sommarja Speċjali – Giljottina – Termini li għandhom jiġu Osservati – Sentenza – Nullità ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex sabet illi biex tingħata sentenza bil-proċedura sommarja speċjali, it-termini imposti mil-liġi għandhom jiġu osservati rigorożament u ad unguem.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta illi fil-5 ta' Jannar, 1985 kien kera karrozza lill-konvenut bir-rata ta' żewġ liri u nofs kuljum (Lm2.50), illi l-konvenut ma ħallasx lill-attur għall-kera tal-karrozza Numru ta' reġistrazzjoni X-1980, mill-5 ta' Marzu, 1985 sa l-20 ta' April, 1985 jiġifieri wieħed u ħamsin ġurnata biż-żewġ liri u nofs kuljum u għalhekk huwa debitur tiegħu fl-ammont ta' mija sebgħa u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm127.50) u illi nonostante li ġie interpellat iħallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti, talab li jgħid il-konvenut għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw waqt il-kawża, għaliex dik il-Qorti m'għandhiex tgħaddi biex tiddeċidi skond it-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smigħ skond kif maħsub fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u b'hekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm127.50, ammont dovut għall-kiri tal-karrozza X – 1980 kif fuq spjegat, – bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1440/85 u bl-interessi kummerċjali kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-4 ta' Ottubru, 1985, li biha fil-kontumaċja tal-konvenut iddeċidiet adesivament għall-istanza billi kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm127.50, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż u mgħax mitluba u dana wara li rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u n-

nota tax-xhieda tiegħu u wara li rat li l-konvenut debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni baqa' ma deherx u wara li kkunsidrat li mill-prova fuq imsemmija t-talba ta' l-attur tirriżulta ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Ottubru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata wkoll fl-14 ta' Ottubru, 1985, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-4 ta' Ottubru, 1985, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż u tħalli lill-konvenut appellant jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u jikkontesta l-kawża, u, okkorrendo tirrimetti l-proċess lill-ewwel Qorti għas-smigħ mill-ġdid, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur ippreżentata fil-25 ta' Ottubru, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell il-konvenut appellant qiegħed jadduċi diversi aggravji, fosthom illi ċ-ċitazzjoni sar jaf biha wara li l-kawża kienet ġiet deċiża, illi l-kawża ma setgħetx tiġi ttrattata bil-proċedura tal-giljottina *stante* li ċ-ċitazzjoni m'għandhiex il-premessi meħtieġa, l-inkompetenza ta' l-ewwel Qorti billi l-konvenut mhux kummerċjant u illi fil-mertu l-ammont mitlub mhux dovut;

Il-Qorti ma tarax in-neċessità li teżamina l-imsemmija aggravji. Infatti tosserva – u dan tista' tagħmlu *ex officio* billi *si tratta* ta' kwistjoni ta' ordni pubbliku – li fil-fatt wieħed mit-termini imposti mil-liġi ṡabiex jista' jkun hemm il-proċediment sommarju speċjali magħruf bħala "tal-giljottina" kkontemplati fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 (Ediz. Riv. 1984) ma ġiex osservat f'dan il-każ. Skond l-artikolu 169 ta' l-imsemmi Kap. 12, iċ-ċitazzjoni fl-imsemmi proċediment sommarju speċajli għandha tiġi nnotifikata lill-konvenut fi żmien jumejn tax-xogħol. Minn eżami tal-proċess jidher li ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fl-24 ta' Settembru, 1985, u ġiet notifikata biss fit-3 ta' Ottubru, 1985 – u ferm iżjed wara l-jumejn tax-xogħol ikkontemplati fil-liġi;

Issa ġie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti li t-termini imposti mil-liġi fil-każ tal-proċediment sommarju speċjali għandhom jiġu segwiti *ad unguem* u jekk dawn ma jiġux segwiti, il-kawża għandha tieħu l-kors normali tagħha u jekk dan ma jsirx, ikun hemm lok għall-annullament tas-sentenza mogħtija fil-proċediment sommarju speċjali billi dak il-proċediment ikun huwa nnifsu null *stante* li ma jkunux ġew osservati t-termini tal-liġi;

Kif ingħad, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fl-24 ta' Settembru, 1985, u għalhekk meta fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 1985 (disat ijiem wara) irriżulta lill-ewwel Qorti li l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat, il-kawża ma setgħetx titħalla għall-għada u l-għada mbagħad tingħata s-sentenza billi l-kawża kellha tieħu l-kors normali tagħha u l-ewwel Qorti jmissha ddifferiet il-kawża b'mod li tippermetti li l-konvenut jiġi nnotifikat u, wara li jiġi nnotifikat, li jkollu t-terminu li tagħtih il-liġi biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu. Dan ma sarx u n-nuqqas iġib in-nullità tas-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond it-termini ta' din is-sentenza. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur appellat.